# INTERMEZZ

"Dun Xand ma żżommhomx lil dawn it-tnejn min-nies? M'għandniex fejn inqegħduhom". Hekk staqsa l-kuntistabbli minn fuq il-għatba tal-bieb.

Dun Xand ta daqqa t'għajn lit-tnejn min-nies, qagħad jaħseb ftit, u mbagħad daħal ġewwa jistaqsi lil oħtu. Wara ftit ħareġ flimkien ma' oħtu Klara li bħalu kellha fuq is-sittin sena. Klara xirfet barra, reġgħet ħarset lejn ħuha, u mbagħad wieġbet minn taħt l-ilsien: iva. It-tnejn min-nies daħlu ġewwa. Dun Xand u oħtu laqgħuhom fis-salott qadim tagħhom lil kien jinfetaħ darbtejn fis-sena biss: fit-tberik u nhar il-festa tal-qaddis tar-raħal. "Oqogħdu", qal Dun Xand lit-tnejn min-nies. Kienu żewġ nisa: mara ta' madwar l-erbgħin sena u bintha, tfajla ta' sittax, twila, wiċċha mislut, xagħar isfar, għajnejn żoroq, donnha anġlu bħal dawk li kien hemm fl-arzella tal-Parroċċa. L-omm malajr fetħet qalbha: kienu ġejjin minn Bormla fejn il-bombi kienu għamlu ħerba kbira u fejn kulħadd, imbeżża', kien qiegħed jitlaq minn daru; żewġha kien ilu mejjet ħames snin u kellha tifla waħda biss: dik li ġiebet magħha. Dun Xand qabbad il-pipa u, bejn sħaba duħħan u oħra, fisser bi kliem sabiħ kif xi drabi l-gwerra tkun kastig ta' dnubietna, u li Alla jinqeda biha, biex mill-ħażin tagħha joħroġ it-tajjeb.

* * *

Il-ġranet bdew għaddejjin ġmielhom u d-dar ta' Dun Xand tbiddlet mil-lejl għan-nhar. Kmamar li kien ilhom ma jinfetħu s-snin, bdew jaraw id-dawl, il-mobbli bdew jitfarfru, l-inkwadri taż-żejt bdew jidhru fil-lewn tagħhom, fuq l-imwejjed bdew jidhru l-vażuni tal-ward, id-dar saret xammiema. Dun Xand kien iħossu mgħaxxaq, kien iħossu donnu mwieled mill-ġdid. Id-dar tiegħu, li qabel kienet donnha ħabs mudlam u waħxi, tbiddlet f'għamara msaħħra ta'daqq u dawl. Dik it-tfajla qalbet ta' fuq taħt ir-ritmu tal-ħajja tiegħu. Fil-ferħ u l-hena tagħha huwa ħass tirxoxta żgħożitu, u ġewwa t-tmewwiġ ta' demmu raġa' ħass il-ħeġġa u l-ħeffa ta' l-aħjar snin ta' ħajtu. Il-wiċċ sabiħ u mislut ta' dik it-tfajla, l-għajnejn kbar u żoroq tagħha, kienu jqanqlulu ġo ruħu bħal ħolma tal-ġenna. Huwa sar iħobbha, iħobbha b'imħabba safja bħal dik li biha missier iħobb lil bintu; iżda kien jibża' juri, għaliex kien jibża' mill-bnedmin; minn Alla ma kienx jibża' għaliex Alla jaqra fil-

qlub. Huwa kien jorqod u jqum bid-dehra ħelwa tagħha f'għajnejh. Il-ħajja għalih saret ħaġa ħelwa, hdew u siktu ġo fih l-uġigħat u d-dwejjaq li ġġib magħha x-xjuħija. Kienet fetħet rebbiegħa, rebbiegħa ġdida u mfewħa ġewwa daru li warrdet ix-xtieli tat-tamiet u x-xewqat ta' qalbu. Huwa beda jħoss dak il-faraġ illi jħoss missier: dak il-wens u dik il-hena li ġġib magħha l-familja, ħaġa li Dun Xand ma kien ġarrab qatt f'ħajtu. Imma kien jeħtieġlu jaħbi, jostor kemm jista' dik l-imħabba ġo qalbu, għaliex il-bnedmin kollox iħażżnu, kollox itebbgħu, kollox iniġġsu, u Dun Xand, bil-ħamsa u sittin sena tiegħu, kien jaf dan iżjed minn ħaddieħor.

* * *

Iżda l-hena ta' Dun Xand kien wasal fi tmiemu. L-ajruplani tal-għadu ma baqgħux jiġu ta' sikwit bħas-soltu, u qajla, qajla, in-nies bdiet tarġa' lura lejn darha. Iż-żewġ refuġjati ta' Dun Xand u oħtu ħasbu huma wkoll sabiex jinġabru fid-dwejra kennija tagħhom. Għodwa waħda Dun Xand u oħtu kienu qegħdin fuq il-għatba tal-bieb isellmu lil dawk it-tnejn min-nies li kienu damu iktar minn xahrejn u nofs magħhom. Dun Xand qagħad jisma' l-ħoss tal-karozza jitbiegħed, jonqos, jintemm. Imbagħad inġabar waħdu ġewwa l-kamra tiegħu. Issa kien sejjer jerġa' jidħol f'dik il-ħajja siekta u mudlama ta' dari. Il-wiċċ ħlejju u mislut li dam ihennilu ħajtu għal xahrejn sħaħ, kien ħareġ biex forsi ma jarġax jarah iżjed. Ix-xemx li kienet dawlitlu u saħħnitlu l-jiem kiesħa ta' xjuħitu, kienet kisfet. L-Anġlu li kien raqqdu f'nagħsa ħelwa ta' hena safi u tgawdija tassema, kien għab minn quddiemu. F'nofs in-nhar Dun Xand u oħtu qagħdu bħas-soltu fuq il-mejda biex jieklu; il-postijiet tat-tfajla u ommha kienu battala u quddiemu kien hemm biss il-wiċċ imkemmex ta' Klara. Dun Xand ma satax iduq: il-ħobż beda jikbirlu f'ħalqu, fi grieżmu kien iħoss bħal għoqla, għajnejh kienu ħomor. Dak il-ħin telgħet il-qattusa tferfer denbha fuq il-mejda. Dun Xand li kien imdorri jkeċċiha malajr, dak in-nhar ma ċanfarhiex; anzi beda jmellsilha bil-mod il-mod fuq daharha. Qalbu kienet mimlija, mimlija sa fuq bix-xenqa ta' l-imħabba, li hija nofsha ħlewwa u nofsha mrar. "Kul, Xand," qaltlu Klara li, bħal ġurdien xiħ, kienet intebħet b'kollox. "M'għandix ġuħ" wieġeb Dun Xand, fil-waqt li Klara daħlet tgerger u tħabbat il-platti weħidha fil-kċina.

ĠORĠ PISANI